MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Numru 50/2006

Il-Pulizija
(Sp Alexander Miruzzi)
vs
Vincent Muscat, iben Anthony,
imwieled Birkirkara fil-5 ta'
marzu, 1962

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-18 ta' mejju, 2005 u\jew fil-ġranet ta' qabel din id-data assoċjajt ruħek ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li tagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa;
2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi bħala l-persuna li żammet jew qablet li żżomm xi annimal ġiegħlet lill-istess issofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn;
3. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi bħala l-persuna li mportat, esportat jew esportat mill-ġdid xi ezemplari, ukoll

jekk dawn mhux imsemmija fl-Aness mar-Regolament prinċipali, jiġifieri ta' l-Avviż Legali 236 ta' l-2004, naqasa li japplika lill-awtorita' amministrattiva bil-miktub fuq formuli disponibbli għaldaqstant minn dik l-awtorita';
4. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi bħala l-persuna li mportat xi speċi li kienet imħarsa fil-pajjiż minn fejn toriġina, ukoll jekk ma kienitx inkluza fl-Annessi mar-Regolamenti prinċipali, u ukoll jekk dak il-pajjiż mnejn toriġina ma jkunx parti fil-Konvenzjoni, naqas li jkollu awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni minn dak il-pajjiż;
5. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi bħala l-persuna fil-kellha fil-pussess ta' xi ezemplari li l-importazzjoni tiegħu taqa' taħt dawn ir-regolamenti, naqas li jżomm fil-pussess tiegħu, u għaż-żmien kollu li dawk l-ezemplari kienu fil-kustodja tiegħu, kull permess, ċertifikat u liċenzja li kellhom x'jaqsmu ma dik l-importazzjoni ta' dawk l-ezemplari;
6. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi daħħal fil-komunita' ezemplari mingħajr permess u ċertifikati, kif ukoll naqas li jistiva ezemplari ħajjin li ma kienux imħejjija sew biex jitnaqqas ir-riskju li tali ezemplari jweġġgħu, tiġrilhom il-ħsara għal saħħithom jew jiġu trattati b'mod krudili;
7. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi kellu fil-pussess, waqt li kien fuq xi opra tal-baħar, xi għasfur, ħaj jew mejjet, jew parti minn xi għasfur, li mhux imsmmi fl-Iskeda III li tinsab mar-Regolamenti ta' l-Avviż Legali 146 ta' l-1993 kif sussegwentement emendati;
8. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi mporta għasafar, ħajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom, u ma ppruvax li dawk ġew imrobbija fil-magħluq fil-pajjiż min fejn oriġinaw jew li ma humiex protetti fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom, jew li l-esportazzjoni tagħhom mill-pajjiż minn fejn ġew esportati kienet waħda awtorizzata;
9. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi żamm jew qafel xi għasafar jew għasafar li kienu fi gaġġa jew reċipjent ieħor ta' qies inqas minn 250mm għoli, 250mm tul u 150mm wiesgħa, u li, meta jitqies id-daqs ta' l-għasfur, ma jkunxkbir biżżejjed biex l-għasfur jew għasafar jiftħu iġ-ġwenħajh\hom b'mod ħieles;
10. fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur miżjud, talli fit-18 ta' mejju, 2005

mal-wasla tiegħu f'Malta xjentement jew bil-ko-operazzjoni ta' individwu jew individwi oħra naqas li jiddikjara lill-Uffiċjal tad-Dwana 278 'finches' li minnhom 97 instabu mejta, liema mportazzjoni tagħhom hija projbita u\jew ristretta;

11. talli dawn għandhom il-valur ta' Lm8334, dazju xejn, u li fuqhom kellha titħallas Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema taxxa tammonta għal Lm150.12, liema taxxa ma ġietx imħallsa u\jew kawtelata u dan bi ksur ta' l-artikoli 60(b)(h)(k), 62(a)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1) u 69(1)(2) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att numru XXIII ta' l-1998);

12. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta' novembru, 1999 liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-'letter to prosecute' maħruġa rispettivament mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' mejjuj, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 60(b)(h)(k), 62(a)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1) u 69(1)(2) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att numru XXIII ta' l-1998), l-artikoli 8(2)(3) ta' l-Att numru XXV ta' l-2001, l-A.L. 146 ta' l-1993 u l-A.L. 236 ta' l-2004 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf tmien mija u tmintax il-lira maltin (Lm1,818). Minbarra dan tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-għasafar eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------